

31989D0502

23.8.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 247/21

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tat-18 ta' Lulju 1989****li tippreskrivi l-kriterji li jirregolaw id-dħul fil-kotba tal-merħliet għal majjali ta' razza pura għat-tnissil**

(89/502/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Artikolu 3

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE tad-19 ta' Diċembru 1988 dwar l-istandards zootekniki applikabbli għal annimali għat-tnissil ta' l-ispeċi tal-majjali<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tielet inċiż ta' Artikolu 6(1) tagħha,

Billi fl-Istati Membri kollha jinżammu jew ikunu stabbiliti kotba tal-merħliet minn assoċjazzjonijiet ta' min irabbi, organizzazzjonijiet għat-tnissil u servizzi uffiċjali;

Billi huwa meħtieġ li jkunu preskritti l-kriterji għad-dħul ta' majjali ta' razza pura għat-tnissil f'kotba tal-merħliet;

Billi kondizzjonijiet preċiżi dwar nisel u identifikazzjoni għandhom ikunu sodisfatti qabel id-dħul fil-kotba tal-merħliet;

Billi għandu jkun hemm il-possibilità għad-diviżjoni tal-ktieb tal-merħliet f'sezzjonijiet differenti biex ċerti tipi ta' annimali ma jkunux esklużi;

Billi l-miżuri li ttipprovdi għalihom din id-Deciżiojn ħuna skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Zooteknika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Biex jikkwalifika għal dħul fis-sezzjoni prinċipali tal-ktieb tanisel tiegħu majjal ta' razza pura għat-tnissil għandu:

- ikun dixxendenti minn ġenituri u nanniet imdaħħla fil-ktieb tal-merħliet ta' l-istess nisel,
- ikun identifikat wara t-twelid skond ir-regoli ta' dak il-ktieb,
- ikollu razza stabbilita skond ir-regoli ta' dak il-ktieb.

*Artikolu 2*

Is-sezzjoni prinċipali tal-ktieb tal-merħliet tista' tkun diviża f'diversi sezzjonijiet skond il-karatteristiċi ta' l-annimali. Majjali ta' razza pura għat-tnissil li jissodisfaw il-kriterji preskritti f'Artikolu 1 biss jistgħu jiddaħħlu f'waħda minn dawk is-sezzjonijiet.

1. Assoċjazzjoni ta' min irabbi jew organizzazzjoni għat-tnissil li żżomm ktieb tal-merħliet tista' tiddeċiedi li majjala, li ma tissodisfaw il-kriterji preskritti f'Artikolu 1, tista' tiddahhlu f'sezzjoni supplimentari ta' dak il-ktieb tal-merħliet. Il-majjala għandha tissodisfa r-rikjesti li ġejjin:

- tkun identifikata skond ir-regoli tal-ktieb tal-merħliet,
- tkun meqjusa li tikkonforma ma' l-istandard tat-tnissil,
- għandu jkollha karatteristiċi minimi kif stabbiliti fir-regoli tal-ktieb tal-merħliet.

2. Ir-rikjesti msemmija fit-tieni u t-tielet inċiżi tal-paragrafu 1 jistgħu jkunu differenzjati skond jekk il-majjala tappartjenix lin-nisel għalkemm m'għandhiex oriġini magħrufa jew jekk inkisbitx minn programm ta' taħlit approvat minn assoċjazzjoni ta' min irabbi jew organizzazzjoni għat-tnissil.

*Artikolu 4*

Majjala li ommha u nannitha materna iddaħħlu fis-sezzjoni supplimentari tal-ktieb tal-merħliet kif jipprovdi Artikolu 3(1) u li missierha u żewġ nanniet (irġiel) iddaħħlu fis-sezzjoni prinċipali tal-ktieb skond il-kriterji stabbiliti f'Artikolu 1 għandha titqies bħala mara ta' razza pura u tiddahhlu fis-sezzjoni prinċipali tal-ktieb, kif jipprovdi Artikolu 1.

*Artikolu 5*

Fejn ktieb fih sezzjonijiet diversi, majjal ta' razza pura għat-tnissil minn Stat Membru ieħor u li għandu karatteristiċi speċifiċi li jiddistingwuh mill-populazzjoni ta' l-istess nisel fl-Istat Membru destinatariju, għandu jiddaħħlu fis-sezzjoni tal-ktieb li tissodisfa dawk il-karatteristiċi.

*Artikolu 6*

Din id-Deciżiojn hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussels, fit-18 ta' Lulju 1989.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

(<sup>1</sup>) ĠU L 382, tal-31.12.1988, p. 36.